TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/241/16/S

Antoine Cachia
vs
Neville Cassar ezercenti l-kummerc bhala BPK Styling

Illum 7 ta'Novembru,2019.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Antoine Cachia pprezentata fid-19 ta'Dicembru,2016 u r-risposta ta'Neville Cassar ipprezentata fil-11 ta'Jannar,2017;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u x-xhieda imressqa mill-partijiet u t-trattazzjoni li saret permezz ta'noti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xogholijiet li kellhom isiru mill-intimat fuq vettura Mercedes Benz tar-rikorrenti u li wara certu zmien saret allegazzjoni ta' hsarat fl-istess vettura waqt li kienet ghand l-intimat;

Illi l-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta ighid li : "*L-obbligu tal-prova ta'fatt imiss dejjem lil min jallegah*". Inoltre dan hemm ukoll l-artiklu 559 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta li jghid li "*...il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.*";

Illi jinghad mal-ewwel li ma ngabet ebda prova konklussiva li l-hsarat allegati saru mill-intimat u lanqas tharrek Elton Zammit li kellu jezamina tali hsarat[1];

Illi Dok A hi semplici nota biex zewg problemi jigu ezaminati minn Elton Zammit u bl-ebda mod ma tista' tigi kkunsidrata bhala ammissjoni ta'responsabilita daparti tal-intimat;

Illi lanqas ma gie pprezentat mir-rikorrenti kwalsiasi rapport li kellu jaghmel dan Elton Zammit. Jinghad ukoll li d-dokumenti

[1] Skont Dok A ipprezentat mat-Talba.

pprezentati mir-rikorrent ma huma xejn hlief kwotazzjonijiet li ma jikkonfermaw xejn minn dak sostnut mill-istess rikorrent;

Illi mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal, ma hemmx *nexus* bejn il-hsarat allegati u l-intimat. Din ir-rabta hija essenzjali biex tigi ppruvata r-responsabilita tal-hsarat;

Illi min-naha l-ohra jidher li l-intimat raqad fuq dak li kellu jaghmel fil-vettura tar-rikorrent u nzammet ghal 8 xhur shah minghajr ma sar ebda xoghol fuqha. Dan il-perjodu hu wiehed eccessiv hafna u l-intimat kellu jinforma mal-ewwel lir-rikorrent jekk ma setax jahdem fuqha u kellu jirritorna l-istess vettura. Fil-fatt l-intimat ma ta ebda spjegazzjoni ghalfejn ma ghamel ebda xoghol fuq il-vettura ghal 8 xhur shah;

Illi t-Tribunal hu tal-fehma li dan id-dewmien minghajr raguni holoq inkwiet bla bzonn lir-rikorrenti;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti hi wahda li ma gietx ippruvata skont il-ligi ghajr ghat-talba ghal danni morali minhabba t-tul esagerat minghajr ma sar xejn fuq il-vettura tar-rikorrent;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Antoine Cachia ghajr ghat-talba ghal danni morali filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Neville Cassar ezercenti l-kummerc bhala BPK Styling b'dan li l-intimat Neville Cassar ghandu jhallas lil Antoine Cachia l-ammont ta' €200 stabbiliti *ex aequo et bono* minn dan it-Tribunal bhala danni morali, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru